



Brussell, 9 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11726/20

EMPL 439
SOC 609
SAN 356
EDUC 358
ECOFIN 899

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11079/1/20 REV 1	
Suġġett:	It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Settembru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, kif approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub magħluqa fid-9 ta' Settembru 2020.

It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra**Konklużjonijiet tal-Kunsill****FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI:**

1. Il-ħaddiema staġjonali u għadd ta' ħaddiema mobbli oħra, inkluż ħaddiema stazzjonati, li spiss jaħdmu fi Stat Membru wieħed jew aktar għal perijodu ta' żmien limitat mingħajr ma jirrilokaw hemmhekk (minn hawn 'il quddiem "ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra") spiss ikunu aktar vulnerabbli minn ħaddiema oħra u esposti għall-isfruttament kif ukoll għal kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja prekarji jew ħżiena (inkluż fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali kif ukoll tal-akkomodazzjoni), għal ksur tal-liġi tax-xogħol u għal nuqqas ta' konformità mal-istandards tax-xogħol, u huma aktar probabbli li jkunu esposti għal kopertura tas-sigurtà soċjali inadegwata.
2. Il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll it-trattament ugwali huma l-pedamenti tal-Unjoni Ewropea. Il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra jagħtu kontribut importanti għas-suq intern, u komplew jagħmlu dan matul il-pandemija tal-COVID-19 u għal darb'oħra wrew ir-rwol essenzjali tagħhom f'diversi setturi tal-ekonomija tal-UE.
3. Il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra ta' spiss jiġu impjegati b'kuntratti ta' xogħol temporanju, permezz ta' aġenziji ta' xogħol temporanju u aġenziji ta' rekrutaġġ jew ktajjen ta' sottokuntrattar. Speċjalment meta ma jkunux impjegati direttament mill-impjegatur, spiss ma jingħatawx biżżejjed ċarezza u protezzjoni fir-rigward tal-informazzjoni, ir-responsabbiltà u d-drittijiet.
4. Il-pandemija tal-COVID-19 hija theddida serja għas-saħħa pubblika, b'konsegwenzi severi u mifruxa għas-sistemi tas-saħħa u tal-kura, kif ukoll għas-soċjetà u l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri kollha. Madankollu, il-miżuri mingħajr preċedent meħuda mill-Istati Membri fil-kuntest tar-rispons għall-COVID-19 affettwaw b'mod partikolari lill-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra.

5. Il-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 aggrava u għamel saħansitra aktar viżibbli xi wħud mill-kwistjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra. Min-naħa l-oħra, meta l-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja ħżiena, ir-riskju ta' tixrid ulterjuri ta' mard infettiv, inkluż iż-żieda fir-riskju tar-raggruppamenti tal-COVID-19, jista' jkun ogħla.
6. Il-COVID-19 żvelat li jenħtiegħ li jiġu kkunsidrati azzjonijiet ġodda għal applikazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli eżistenti biex jiġu protetti l-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE fi żminijiet ta' kriżi. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw is-sett ta' għodod eżistenti – fil-livell internazzjonali, tal-UE u dak nazzjonali – biex jindirizzaw u jipprevjenu l-problemi li jiffaċċjaw il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra u biex jiżguraw il-protezzjoni tagħhom.
7. L-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jeħtiegħ li jieħdu azzjoni xierqa, iżidu l-applikazzjoni u l-infurzar xierqa u effettivi tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u dik nazzjonali u jiżguraw it-trasparenza fir-rigward tal-azzjoni tagħhom.

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

8. Il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra tal-UE li jeżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom f'konformità mal-Artikolu 45 TFUE jgawdu mid-dritt ta' trattament ugwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondizzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-impjieg, ir-remunerazzjoni u x-xogħol. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi hija ggarantita fl-Artikolu 56 TFUE.
9. Ħaddiema minn pajjiżi terzi jistgħu jibbenefikaw mid-dritt għal trattament ugwali skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema.
10. L-infurzar tal-liġi tal-UE u dik nazzjonali f'dan il-qasam hija kompetenza tal-Istati Membri.

FILWAQT LI JILQA':

11. Il-linji gwida dwar il-Ħaddiema Staġjonali fl-UE fil-kuntest tat-Tifqigħa tal-COVID-19 adottati mill-Kummissjoni Ewropea fis-16 ta' Lulju 2020.

12. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protezzjoni Ewropea tal-ħaddiema transfruntiera u staġjonali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19.
13. Inizjattivi fil-livell nazzjonali u ftehimiet bilaterali bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-kwistjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19.
14. Inizjattivi settorjali kif ukoll ftehimiet bipartitiċi u tripartitiċi fil-livell nazzjonali u dak Ewropew biex jipproteġu lil dawn il-ħaddiema u jipprovdu gwida lilhom u lill-impjegaturi tagħhom.

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA':

15. Il-ħidma mwettqa min-Network EURES, inkluż l-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-EURES u l-uffiċċji nazzjonali għall-koordinazzjoni tal-EURES. Il-portal tal-EURES joffri informazzjoni Prattika, legali u amministrattiva dettaljata dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fl-Istati Membri kollha li tista' tkun ta' rilevanza għall-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra.
16. L-attivitajiet tal-Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar ta' xogħol mhux iddikjarat, li nħolqot fl-2016. F'diversi okkażjonijiet il-pjattaforma ppromwoviet azzjonijiet immirati lejn il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra u ppermettiet tagħlim reċiproku rigward approċċi effettivi biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat f'setturi li jiddependu ħafna fuq xogħol staġjonali transfruntier, bħall-agrikoltura u t-turiżmu.
17. Il-ħidma tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, li hija responsabbli mit-trattament ta' kwistjonijiet amministrattivi u kwistjonijiet ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, mill-faċilitazzjoni tal-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-UE, speċjalment billi tippromwovi l-iskambju tal-esperjenza u l-aħjar Prattika, u mit-trawwim u l-iżvilupp ta' kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE, inkluż dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra.

18. Ir-rwol tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA). Ladarba tkun kompletament operattiva, l-ELA ser tassisti – f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet u korpi oħra, fejn applikabbli – lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tagħhom tad-dritt tal-UE relatat mal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-UE u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE. L-ELA ser tagħxi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt rilevanti tal-UE.
19. Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020, li jidentifika l-isfidi ewlenin u l-oġettivi strateġiċi għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, jippreżenta azzjonijiet ewlenin u jidentifika l-istrumenti tal-UE.
20. Il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) biex il-postijiet tax-xogħol Ewropej isiru aktar sikuri, aktar sani u aktar produttivi għall-benefiċċju tal-ħaddiema, l-impjegaturi u l-gvernijiet, b'mod partikolari, il-linji gwida tagħha tal-24 ta' April 2020 bit-titolu "COVID-19: lura lejn il-post tax-xogħol – l-adattament tal-postijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema" u r-riżorsi l-oħra tagħha speċifiċi għall-COVID-19 għall-impjegaturi u l-ħaddiema.
21. Il-ħidma tal-Kumitat tal-Ispetturi Għolja tax-Xogħol (SLIC) biex jippromwovi l-applikazzjoni ekwivalenti u effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.
22. Linji gwida u riżorsi simili mħejjija mill-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell nazzjonali u dak settorjali, li jindirizzaw lill-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, kif ukoll lill-impjegaturi tagħhom.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI:

23. Ir-rwol fundamentali tal-ispettorati tax-xogħol u awtoritajiet kompetenti oħra fl-iżgurar tal-applikazzjoni u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni u l-istrumenti eżistenti fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja, inkluż is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, u fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

24. Ir-rwol fundamentali tas-sħab soċjali u l-importanza tad-djalogu soċjali fl-appoġġ tal-amministrazzjonijiet, il-ħaddiema u l-impjegaturi fl-applikazzjoni xierqa u effettiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti, kif ukoll fl-iżgurar tar-rappreżentanza tal-ħaddiema u l-ġhoti ta' informazzjoni.
25. Ir-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti fl-appoġġ tal-applikazzjoni xierqa u effettiva tal-istrumenti eżistenti,

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

JISTIEDEN lill-ISTATI membri, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI TAGĦHOM U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI U B'RISPETT GĦAR-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX:

26. JAPPLIKAW bis-sħiħ u JINFURZAW il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u dik nazzjonali, speċjalment fl-oqsma tal-libertà tal-moviment tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala ħaddiema staġġjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ġhajxien, inkluż is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, sabiex il-ħaddiema staġġjonali u ħaddiema mobbli oħra jiġu protetti b'mod adegwat;
27. JIPPROVDU lill-ħaddiema staġġjonali u ħaddiema mobbli oħra informazzjoni rilevanti, jekk ikun meħtieġ bl-appoġġ tal-ELA, dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom kif ukoll informazzjoni dwar l-awtoritajiet li jassistu lill-ħaddiema staġġjonali u ħaddiema mobbli oħra fl-Istat Membru rispettiv fl-oqsma kollha msemmija hawn fuq, bil-lingwa tagħhom stess, speċjalment jekk din tkun lingwa uffiċjali tal-UE, jew lingwa li jifhmu jew li jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhmu u b'mod ċar u trasparenti;
28. IQAJMU kuxjenza fost il-ħaddiema staġġjonali u ħaddiema mobbli oħra dwar miżuri ta' sikurezza fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, jekk possibbli bl-appoġġ tas-sħab soċjali, bil-lingwa tagħhom stess, speċjalment jekk tkun lingwa uffiċjali tal-UE, jew lingwa li jifhmu jew li jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhmu u b'mod ċar u trasparenti, inkluż informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' sintomi tal-COVID-19;

29. TIŻDIED it-trasparenza dwar ir-responsabbiltà fil-każ ta' ktajjen ta' sottokuntrattar, sabiex il-ħaddiema mobbli u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jidentifikaw il-persuna jew l-entità legalment responsabbli biex tittratta l-pretensjonijiet tagħhom; JIKKUNSIDRAW l-introduzzjoni ta' limiti għall-ktajjen ta' sottokuntrattar kif ukoll obligazzjonijiet in solidum, fejn meħtieġ;
30. JESPLORAW il-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għal xogħol temporanju u aġenziji ta' reklutaġġ immirati lejn il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra fl-UE, sabiex jiġi żgurat li tali aġenziji jirrispettaw standards minimi ta' kwalità skont il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE u, fejn xieraq, ftehimiet kollettivi, u ma jimponux tariffi eċċessivi jew illegali fuq il-ħaddiema. Dawn l-aġenziji jenħteġ li jinfurmaw lill-ħaddiema dwar l-impriża tal-utent, il-perijodu ta' impjieg, il-prinċipji ta' remunerazzjoni – inkluż il-kalkolu sħiħ kif ukoll it-tnaqqis awtomatiku possibbli bħall-kera jew l-ispejjeż għall-akkomodazzjoni jew it-tagħmir protettiv meħtieġ – il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-każ ta' terminazzjoni tax-xogħol, servizzi speċifiċi ta' konsulenza pprovduti mis-sħab soċjali jew mis-servizzi pubbliċi tal-impjegi, ir-regolamenti u d-drittijiet tas-sigurtà soċjali, inkluż il-kopertura tas-saħħa, l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, u l-arranġamenti tal-forniment tal-ikel bil-miktub, inkluż mezzi elettroniċi. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-lingwa tal-ħaddiema stess jew f'lingwa li jifhem u b'mod ċar u trasparenti, qabel it-tluq, irrispettivament mit-tul tal-kuntratt tagħhom;
31. JEVALWAW u jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra f'każ ta' miżuri relatati mal-pandemija, bħal lockdowns jew għeluq tal-fruntieri, inkluż il-possibbiltà għalihom li jirritornaw kemm lejn darhom kif ukoll lejn l-Istat Membru ospitanti tagħhom mingħajr limitazzjonijiet bla bżonn għall-moviment sabiex jibdwu jew ikomplu l-impjieg tagħhom;

32. Jeżaminaw jekk il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra jiddependux fuq l-impjegaturi tagħhom aktar minn ħaddiema oħra; JIKKUNSIDRAW kif jistgħu jiġu indirizzati tali dipendenzi; u JIKKUNSIDRAW li l-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, matul is-soġġorn tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, jistgħu jibbenefikaw minn akkomodazzjoni, trasport u forniment tal-ikel li jikkorrispondu għal standard ta' għajxien adegwat (kif definit mil-liġi u l-prattika nazzjonali), li jissodisfaw l-istandards ġenerali tas-saħħa u s-sikurezza – anke f'sitwazzjonijiet ta' kriżi – fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat u bi spejjeż li mhumie x eċċessivi meta mqabbla mal-kwalità tas-servizz u r-remunerazzjoni netta tal-ħaddiema;
33. IŻIDU l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattika bejn l-amministrazzjonijiet, inkluż, fejn applikabbli, permezz tal-korpi għall-promozzjoni tat-trattament ugwali, u biex JASSISTU lill-ħaddiema tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE (eż. id-Direttiva 2014/54/UE) kif ukoll ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw mid-dritt għal trattament ugwali skont id-direttivi rispettivi (eż. id-Direttiva 2011/98/UE dwar il-Permess Uniku jew id-Direttiva 2014/36/UE dwar il-Ħaddiema Staġjonali);
34. JEVALWAW jekk l-ispezzjonijiet attwalment fis-seħħ humie x biżżejjed biex jinfuraw il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u dik nazzjonali u JIFFISSAW miri biex jiżdiedu l-ispezzjonijiet, fejn meħtieġ;
35. JIRRIFLETTU, fejn applikabbli, fuq il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom fir-rigward tal-kopertura adegwata tax-xogħol staġjonali;
36. Jipprovdu aċċess għal opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ, fejn xieraq;
37. JEVALWAW jekk huwie x opportun li tiġi rratifikata l-Konvenzjoni Nru 184 tal-ILO dwar is-sikurezza u s-saħħa fl-agrikoltura;
38. Jikkooperaw mas-sħab soċjali biex jiżguraw appoġġ għall-impjegaturi u għall-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, kif ukoll ir-rappreżentanza tagħhom;

39. Jippromwovu, fejn applikabbli, il-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi fir-rigward tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra; u
40. Jappoġġaw, fejn applikabbli, servizzi ta' konsulenza pprovduti minn trade unions jew partijiet ikkonċernati oħra għall-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra sabiex jiġu promossi b'mod attiv il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi b'mod soċjali u ġust. JESPLORAW il-possibbiltà li jipprovdu tali servizzi fuq il-post;

JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKUSTANZI NAZZJONALI U WAQT LI JKUNU RISPETTATI R-RWOL U L-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX:

41. Jikkooperaw b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'mod partikolari s-sħab soċjali, permezz tal-oqfsa disponibbli (eż. kumitati, aġenziji, attivitajiet ta' tagħlim reċiproku) sabiex tiġi applikata u infurzata b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u dik nazzjonali;
42. JESPLORAW il-possibbiltà li jittejjeb il-ġbir tad-data dwar il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra fis-setturi rilevanti, f'sinerġija mal-atturi rilevanti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;
43. JESPLORAW il-possibbiltà ta' attivitajiet konġunti ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni li għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jtejbu l-informazzjoni għall-ħaddiema u l-impjegaturi u li jżidu l-għarfien tagħhom dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti tal-UE u daww nazzjonali inkluż l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Barra minn hekk, JIKKUNSIDRAW il-possibbiltà li tiġi stabbilita kampanja ta' komunikazzjoni biex jiġi ppreżentat l-effett pożittiv u r-rwol essenzjali tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra fl-UE għall-funzjonament tas-suq uniku;
44. Jikkunsidraw li jżidu l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-korpi nazzjonali biex jippromwovu t-trattament ugwali u biex jappoġġaw lill-ħaddiema tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom skont id-Direttiva 2014/54/UE, pereżempju permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' Prattika tajba;

45. JAĦDMU FLIMKIEN sabiex jipprevjenu pagi inferjuri, prattiki ta' sfruttament oħra u t-traffikar tal-bnedmin fir-rigward tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, inkluż it-tiżiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva u s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u l-prattiki illegali possibbli; u
46. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, JIPFROMWOVU, fejn xieraq, l-inklużjoni fi ftehimiet ta' sħubija u ftehimiet rilevanti oħra ma' pajjiżi terzi ta' dispożizzjonijiet li jipprojbixxu prattiki inġusti ta' reklutaġġ, inkluż tariffi ta' reklutaġġ inġusti imposti fuq ħaddiema minn aġenziji privati ta' impjieg u/jew migrazzjoni f'pajjiż ta' oriġini tagħhom;

JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex:

47. Tikkoopera mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra permezz tal-għodod eżistenti fil-livell tal-UE;
48. TIKKOOPERA mal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol dwar kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra.
49. Tevalwa jekk jistax jiġi pprovdut finanzjament tal-UE għal servizzi ta' konsulenza speċjalizzati pprovduti mit-trade unions jew partijiet ikkonċernati oħra għall-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, fi ħdan il-programmi eżistenti, sabiex jiġi promoss b'mod attiv il-moviment liberu tal-ħaddiema b'mod soċjali u ġust;
50. Tirrifletti fuq azzjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, inkluż il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, fil-kuntest tal-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali li jmiss;
51. TIVVALUTA l-oqsma fejn għandha tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema staġjonali u tagħmel rakkomandazzjonijiet ta' politika; u
52. TWETTAQ studju biex tiġbor data dwar ix-xogħol staġjonali intra-UE u tidentifika l-isfidi ewlenin iffaċċjati, inkluż, fejn possibbli, matul il-pandemija tal-COVID-19, u tiżgura li d-data tal-individwi tiġi diżaggregata skont is-sess sabiex tiġi ffaċilitata analiżi tal-valutazzjoni tal-azzjonijiet implimentati;

JISTIEDEN LILL-AWTORITÀ EWROPEA TAX-XOGĦOL (ELA) TKOMPLI:

53. Tappoġġa lill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet fil-qasam tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' spezzjonijiet tax-xogħol konġunti u miftiehma. Tali attivitajiet jistgħu jinkludu l-ġhoti ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti lill-ħaddiema u lill-impjegaturi, kif ukoll kampanji ta' sensibilizzazzjoni u spezzjonijiet tax-xogħol konġunti jew miftiehma mmirati, b'mod partikolari, lejn setturi aktar esposti għax-xogħol staġjonali;
54. Tikkoopera mal-Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat (sal-integrazzjoni sħiħa tagħha mal-ELA fl-2021) fir-rigward ta' attivitajiet immirati lejn il-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra, inkluż it-trawwim ta' sensibilizzazzjoni aħjar tad-drittijiet u l-obbligi fost il-ħaddiema u l-impjegaturi sabiex tiġi promossa t-tranżizzjoni minn xogħol mhux iddikjarat għal xogħol iddikjarat;
55. TAHDDEM mal-kontropartijiet tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES) fl-Istati Membri (sal-integrazzjoni sħiħa tan-network tal-EURES mal-ELA fl-2021) biex jiġu żviluppati attivitajiet u materjali speċifiċi relatati mal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra; JISTIEDEN lill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-EURES biex jipprovdi informazzjoni aktar dedikata dwar il-ħaddiema staġjonali u d-drittijiet applikabbli għalihom fuq il-Portal tal-EURES; u
56. Fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2019/1149, jikkoopera mal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali bil-għan li jinkisbu sinerġiji bejn il-qasam tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali;

JISTIEDEN LILL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ U S-SAĦĦA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (EU-OSHA) BIEK TKOMPLI:

57. TAHDDEM mal-SLIC u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tkompli tipprovdi linji gwida u materjal, inkluż sħarriġ, għodod u kampanji ta' valutazzjoni tar-riskju okkupazzjonali, li jindirizzaw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema staġjonali u ħaddiema mobbli oħra.